Ref Nru 15

Il-minuti tal-hmistax il-laqgha tas-seba` leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar il-Hamis 15 ta' Settembru 2016, fis-6:30 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Paul Buttigieg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Korrispondenza.**

2.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

2.2 Zewg ittri mibghuta minn Dorianne Ciantar mit-Tribunal Ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar appell numru 00222/16 fuq l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp PA/03798/02 *Construction of destination port comprising a hotel, yacht marina and tourist village* f' Hondoq ir-Rummien. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Dorianne Ciantar bhala risposta ghal dawn iz-zewg ittri.

2.3 Applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp mibghuta minn Tania Micallef Darmanin mill-Awtorita` tal-Ippjanar, bin-numru PA/04934/16 *demolition of existing dilapidated dwelling and construction of one dwelling house* f' ta' Gafan, Qala. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Awtorita` fejn il-Kunsill semma li qed joggezzjona ghal din l-applikazzjoni peress li qedha *outside development zone*. Il-Kunsill ircieva *acknowledgement* minghand l-Awtorita`.

2.4 Ittra mibghuta minn Joe Attard Kap Ezekuttiv mill-Green MT Limited dwar ftehim rigward skart tal-ippakeggjar (skart separat). Il-Kunsill iddecida li ma jiffirmax dan il-ftehim peress li l-Green MT ghandu xi pagamenti dovuti lill-Kunsill kif ukoll id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien hareg struzzjonijiet sabiex tinhareg *expression of interest* lil zewg kumpaniji

licenzjati li ghandhom x'jaqsmu mal-iskart separat. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra dwar *expression of interest* liz-zewg kumpaniji.

2.5 Ittra mibghuta minn Yoanne Muscat mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar applikazzjoni ghall-kontroll tal-izvilupp PC 009/13 '*To change zoning of site from Residential Area covered by Policy GZ-HOUS-1 to Mixed Use Area covered by Policy GZ-CMRC-12'*, site at Ta' Sufa, Triq Grunju, Qala. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil Yoanne Muscat fejn giet informatha li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal dan.

2.6 Kopja ta' ittra li Frank Buhagiar mill-Kummissjoni ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita` bghat lil Simon Grima tat-Transport Malta, dwar il-bankina li qedha jsir fi Triq l-Imgarr peress li m'hiex addattata ghal persuni b'dizabilita`.

2.7 Ittra mibghuta mill-Perit Brian Curmi fi isem il-klijent tieghu, dwar uzu temporanju ta' art pubblika f'Hondoq ir-Rummien ghal *mobile kiosk* ghal *snacks* u *drinks* bejn April u Ottubru. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghal dan.

2.8 Ittra mibghuta minn Christian Mifsud mill-Ghaqda Briju San Guzepp, Qala dwar attivita ghat-tfal Qalin fi zmien il-*Halloween* u orha fi zmien il-Milied. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni imma iddecida li jistaqsi dwar ser isir u x'spejjes ser ikun hemm.

2.9 Stima li giet ippreparatha mill-Perit Godwin Agius dwar xoghol ta' *resurfacing* ta' Triq Andar ix-Xaghari li ser jigi mhallas minn Road Construction Co. Ltd., skond il-kundizzjoni li huma ghandhom fil-permess tal-barriera tal-blat tal-qawwi. Il-Kunsill iddecida li ghandha jsir laqgha ma Road Construction Co. Ltd. Gie diskuss il-possibilita` li din il-laqgha jsir waqt il-laqgha tal-Kunsill li jmiss. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* tal-Awtorita` tal-Ippjanar, fejn gie mitlub jekk il-Kunsill hux intitolat ghall-fondi li kellhom jitpoggew minn Road Construction Co. Ltd. lill-Awtorita` minn meta hareg il-permess sad-data tal-lum.

2.10 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Onorevoli Ministru Dr Anton Refalo, fejn gie mitlub l-ghajnuna tal-Ministeru tieghu sabiex isir manutenzjoni tal-*gazebo's* li hemm fi 'Gnien il-Familja'.

2.11 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-*Gozo Action Group Foundation* fejn gie informat il-Kunsill unanimament qabel li jigi propost is-Sindku Clint Camilleri bhala r-rapprezentant tal-Kunsill fl-iffirmar tal-att notarili ta' fondazzjoni Gozo Action Group.

**3 *Qala International Folk Festival* 2016 – il-hdax il-edizzjoni.**

3.1 Is-Sindku semma li ser jigu zewg gruppi folkloristici mill-Bulgaria ghal *Qala International Folk Festival* ta' din is-sena. Grupp minnhom ser joqghod l-ITS tal-Qala u grupp l-iehor ser ikun Dar Manresa. Wara z-zfin tal-Gimgha is-serata ser tispicca b'kant minn grupp duo u wara tas-Sibt gie mistieden Freddie Portelli. Il-Ghaqda Muzikali 'Ite ad Joseph' ser taghti s-servizz taghha darbtejn. It-trasport mill-ajruport lejn Ghawdex u lura ghaz-zewg gruppi barranin ser ikun dirett minn Ghawdex. Il-gruppi ser ikollhom *breakfast* offrut mill-*lodging* stess, *packed lunch* f'nofsinhar u l-ikla ta' filghaxija li tkun ic-Centru. Is-*sound* fil-Pjazza

ser jiehdu hsiebu Cefai Productions u d-dawl Joseph Cutajar. Huwa semma wkoll li minflok gwardjani lokali ser jigu mqabbda s-*security*. Is-Sindku semma waqt l-ikla tradizzjoni li ser isir il-Gimgha filghaxija kien ser jingab il-*bouncy castle* ghat-tfal, izda dan kien ser itellef is-serata ghalhekk gie deciz li l-*bouncy castle* jingab il-Hadd filghodu. Giet trattata ittra mibghuta minn Mario Rapa mill-Ghadqa Armar San Guzepp Qala fejn semma li l-ghadqa hija disponibbli biex tarma xi armar fit-toroq ghal matul il-*Qala International Folk Festival*. Il-Kunsill qabel ma dan u ddecida li peress li ser jintuza *high up*, ghandu jigi mikri dak il-*high up* li hemm mnizzel fil-kuntratt ghal kiri tal-ingenji li ghandu bhalissa l-Kunsill.

**4 Ghazla tal-offerti ghal tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona A) u tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona B);**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar liema offerti ghandhom jintghazlu ghat-tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona A) u tiknis u tindif ta' toroq u qtuh ta' haxix *in an environmentally friendly manner* (zona B). Wara dikussjoni l-Kunsill iddecida li ghandhom jigu maghzula l-offerti ta' Joseph Hili ghal tlett ragunijiet li huma:

4.2
- li l-Kunsill hu sodisfatt bis-servizzi li Joseph Hili offra ghal dawn l-ahhar tlett snin, meta kellu dawn l-istess kuntratti mal-Kunsill u li issa skadew;
- li Joseph Hili ser jahdem is-servizzi huwa stess filwaqt li l-offerent Nicholas Zammit qal li s-servizzi tieghu ser jigu mahduma permezz ta' haddiema li huwa ghandu;
- u li dan huwa l-uniku xoghol ta' Joseph Hili u b'hekk huwa jaghmel dak kollu possibli sabiex joffri servizz tajjeb.

**5 *Water culvert* f'parti minn Triq il-Kuncizzjoni.**

5.1 Is-Sindku semma li huwa flimkien mal-Vici Sindku kellhom laqgha l-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-*water culvert* f'parti minn Triq il-Kuncizzjoni. Huwa semma li l-ispejjes fejn jidhol ix-xoghol ta' thammil u milli bil-konkos ser jigi aktar milli kien gie kkwotat izda dawn ix-xogholijiet huma tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u ghalhekk ser jithallsu minnhom u mhux mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku semma li l-ispejjes zejda li ser ihallas il-Kunsill huma tal-gradilja. Huwa semma wkoll li jrid isir *shutter* mal-hajt tas-sajjieh fejn il-wied ghax inkella jekk ma jsirx dan jaqgha kollu u li dan ser jigi jiswa madwar €500 skond l-istima ta' Gatt Group. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir dan ix-xoghol. Gie diskuss wkoll xoghol iehor li jrid isir li hu ta' *surfacing* bil-konkos ta' triq zghira ghal fejn il-wied u li l-ispejjes li jrid johrog il-Kunsill huma ta' madwar €500 li jkopru parti minn dan ix-xoghol filwaqt li l-Korporazzjoni ser thallas il-kumplament. Il-Kunsill qabel ma dan.

**6 Laqgha dwar il-fondi tal-EAFRD, mizuri 125, 313, 323 u 413.4.**

6.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ghadu ma jrieviex xi fondi minn certu mizuri tal-EAFRD kif ukoll ircieva xi ittri mill-*Paying Agency* li l-Kunsill jrid jaghti xi fondi lura. Huwa semma li l-Kunsill huwa regolarizzat peress li bghat id-dokumenti kollha fil-hin, regghu ntbghatu certu dokumenti mill-Kunsill wara li gie mitlub mill-*Paying Agency* liema dokumenti kienu diga` ntbghatu, kif ukoll jridu rcevuti fiskali tal-VAT ta' xoghol li ghadu mhux imhallas.

Ghalhekk huwa semma li ser isir laqgha ma` tal-*Paying Agency* dwar din materjia u li jekk ma jsirx qbil fuq l-affarijiet il-Kunsill ghandu jiftah kawza.

Giet diskussa din il-materja:

Il-Vici Sindku semma li huwa attenda ghall-laqgha li ghaliha kienu mistiednin il-Kunsilli Lokali kollha ma ufficjali tal-Awtorita` tal-Ippjanar. Il-Vici Sindku semma li waqt din il-laqgha huwa ppropona li ghandha jsir xi tip ta' klawsola sabiex meta jkun hemm applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp ta' progett fuq skala kbira f'xi lokalita` u minghajr il-Kunsill ikun qed jistenniha, l-applikant ghandu jhallas mizata sabiex matul il-process dawn jinghataw lill-Kunsill Lokali sabiex jintuzaw ghal meta il-Kunsill ikun ser iqabbad il-konsulenti sabiex jaghmlu l-istudji necessarji fuq din l-applikazzjoni.

Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mit-30 ta' Lulju 2016 sal-15 ta' Settembru 2016 minn referenza numru 110/16 sa referenza numru 139/16 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 74/16 sa referenza numru 87/16 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

**7. Aggornament.**

7.1 Il-laqgha ntemmet fid-8:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 21 ta' Ottubru 2016.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |